# Il-Ġenesi tal-Mafkar f'ġieħ Dun Karm

*Joseph Borg*

Fis-17 ta' Novembru ta' l-1988 il-Prof. Oliver Friggieri sejjaħ laqgħa ġenerali ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) u fiha fisser ix-xewqa li jitwaqqaf monument bil-figura sħiħa tal-poeta nazzjonali tagħna. Ftit taż-żmien wara l-kumitat ikkummissjona lill-iskultur Toni Ellul biex jaħdem numru ta' abbozzi u bdew jinġabru l-fondi mill-iskejjel u l-pubbliku. Kien mill-bidu nett il-ħsieb li l-istudenti Maltin u Għawdxin jieħdu sehem f'dan il-proġett, kif fissirt fl-artiklu *Monument Nazzjonali lil Dun Karm: Ħsibijiet* li deher fil-*Leħen il-Malti* għadd 23 fl-1989. Għal dan il-għan ukoll kienet saret stiker bil-wiċċ tal-poeta mid-disinn ta' Luciano Micallef.

Fit-22 ta' Lulju 1992, fil-preżenza ta' Dr Ugo Mifsud Bonnici dak iż-żmien Ministru ta' l-Edukazzjoni, ġie magħżul il-mudell u saret applikazzjoni biex il-mafkar jitwaqqaf f'masġar viċin l-Istitut Kattoliku, il-Furjana minħabba r-rabta tal-poeta mal-lokal.

Il-ġibs tal-monument tlesta f'Ottubru ta' l-1992 u ntbagħat lill-Fonderia d'Arte fi Pietrasanta, l-Italja fi Frar 1996. Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ħa ħsieb jifdi l-ispejjeż kollha, kemm tal-bronż kif ukoll tal-pedestall, filwaqt li s-SeaMalta Company Ltd offriet il-ġarr b'xejn. L-Ambaxxata Taljana ħadet ħsieb toħroġ iċ-ċertifikat ta' l-arti biex tiġi eżentata t-taxxa filwaqt li l-Bank Ċentrali ħa ħsieb iħallas il-vjaġġ bejn il-port ta' Livorno u Pietrasanta (Lucca).

Fit-13 ta' April 1994 l-Awtorità ta' l-Ippjanar ħarġet il-permess biex il-mafkar jitqiegħed quddiem Triq l-Assedju l-Kbir (li tmiss ma' Triq San Publiju). F'Marzu ta' l-1995 beda l-iskavar imma l-Kunsill Lokali tal-Furjana oġġezzjona minħabba li quddiem il-post magħżul kellu jinbena parkeġġ u ssir pompa tal-petrol.

Minnufih l-Għaqda bdiet tfittex post ieħor għall-mafkar. Minn fost il-postijiet suġġeriti (fi ġnien l-Indipendenza, Tas-Sliema; il-Barrakka ta' Fuq, il-Belt; fil-Ġonna ta' San Anton, Ħal Balzan) intgħażel il-ġnien tal-Mall, mill-ġdid fil-Furjana. Imma wara li ġiet mgħarbula mill-Kumitat tal-Plakek u l-Monumenti, mid-Direttur tal-Mużewijiet u mill-*Heritage Advisory Committee*, l-Awtorità ta' l-Ippjanar ma laqgħetx din it-talba.

Sa daż-żmien fl-Iskola tal-Bini Ġlormu Cassar tfassal u nbena l-pedestall tal-ġebel f'wieħed mill-imħażen. Aktar 'il quddiem dan il-pedestall sar tal-konkos u nkesa bl-irħam tat-travertin. Hekk kif il-monument tlesta u wasal Malta f'Settembru 1997, il-kumpanija Allwoods & Steel Ltd ħadet ħsieb is-sigurtà tiegħu sakemm instab l-aħjar post għall-mafkar.

Fit-12 ta' Ottubru 1998 saret it-tielet applikazzjoni li fiha l-Għaqda flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Furjana għażlu l-masġar li jmiss ma' Triq Sant'Anna, il-Furjana. Il-permess ħareġ fit-30 ta' Lulju 1999.

Wara tnax-il sena u sitt kumitati, fit-22 ta' Ottubru 2000 inkixef mill-President ta' Malta l-E.T. Guido de Marco fi programm kommemorattiv li beda fl-10 ta' filgħodu. Il-programm tmexxa mis-Sur George Peresso u saru diskorsi minn Joseph Borg u mill-Prof. Oliver Friggieri. Is-Sinjuri Monica Attard, Alfred Mallia, Theresa Friggieri u Charles Abela Mizzi qraw għażla ta' poeżiji ta' Dun Karm imżewqa b'interludji mużikali mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta u l-Kor Sine Macula. Ħadu sehem ukoll il-*Boyscouts* u l-*Girlguides*. Tfal mill-iskola primarja tal-Furjana qiegħdu fjuri f'riġlejn il-mafkar u wara d-diskors tiegħu, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dott. Louis Galea qassam lill-istess studenti busti ta' tifkira. Id-diskors ta' l-għeluq sar mill-E.T. Prof. Guido de Marco.

Il-monument huwa twil tmin piedi u sitt pulzieri (259 ċentimetru). Bil-pedestall b'kollox huwa sittax-il pied għoli mill-art, f'qagħda meditattiva. Il-kliem imnaqqax fuq il-pedestall jaqra:

DUN KARM
1871 – 1961

IL-GVERN U L-POPLU
B'ĦIDMA TA'
L-GĦAQDA TAL-MALTI
(UNIVERSITÀ)

OTTUBRU 2000

